# *Farrett ta' Rita Saliba*



**Hemm Art fil-Folja p. 43**

1a. Min huma l-erba' l-karattri li niltaqgħu magħhom f'din in-novella?

b. Ikkummenta dwar kif **<u>kull wieħed mill-karattri</u>** qed iħossu skont it-tagħrif li jagħtina n-narratur?

2. Ir-relazzjoni tal-awtur ma' martu ma baqgħetx kif kienet fil-bidu taż-żwieġ. X'seta' wassal għal din il-bidla? Fejn hu possibbli sostni l-argumenti tiegħek b'referenzi għat-test.

3. X'simboli tuża l-awtriċi biex tiżviluppa n-narrazzjoni u t-tema tar-relazzjonijiet? (eż iċ-ċikkulata, is-siġar, eċċ)

4. X'ton juża n-narratur fl-irrakkuntar ta' dak li għadda minnu tul dawn l-aħħar għaxar snin?

5. Kif taħseb li l-kuntest tal-istorja (setting) jaffettwa l-plott u l-iżvilupp tal-ġrajja?

6a. X'karattru għandu l-protagonist; ċatt jew tond? Xi jwasslek biex tikkonkludi dan?

b. Taħseb li l-protagonist/narratur għandu karattru sod u determinat? Uri kif il-karattru tiegħu jaffettwa lil imġibtu. Ikkwota mis-silta biex issaħħaħ ir-risposta tiegħek.

7. Spjega kif il-kunflitt li jiżviluppa fl-istorja jirrifletti l-kuntest taż-żmien li fih inkitbet in-novella.

8. Taħseb li l-ġrajjiet li niltaqgħu magħhom f'dan il-plott jirriflettu dak li n-nies qed jgħixu ta' kuljum? Taħseb li l-awtriċi jirnexxilha toħloq plott realistiku u li jitwemmen?

9. X'interpretazzjoni jista' jkollu t-titlu ta' din in-novella?

10. Xi kwistjonijiet / problemi etiċi, morali u/jew soċjali tesponi l-awtriċi permezz ta' din in-novella?

---

**Referenzi:**

https://english.unl.edu/sbehrendt/StudyQuestions/Novel%20Questions.htm